Minuti Laqgħa Numru 30 tal-Kunsill Lokali Qala

Il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' *online* permezz ta' *Zoom*, fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 30.2 Skeda ta' Pagamenti SP 3/2021

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti numru 3/2021. Ippropona wkoll li minn issa 'l quddiem, għal finijiet ta' trasparenza u *accountability* il-membri kollha jkunu qed jiffirmaw dawn l-iskedi. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-Proposta.

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa dwar il-pagament lil Louis Vincent Buttigieg (Euphoria Productions), liema kont jammonta għal €1,283.99. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara il-lista ta' spejjez marbuta ma dan il-kont (paġna 3, numru 55). Il-Kunsill sab diffikulta' dwar dan il-ħlas, minħabba li l-attività kienet spiċċat biex ma saritx. Is-Sindku qal li fl-2020 kienu saru żewġ talbiet lill-Kunsill biex tingħata għajnuna għal attivitajiet simili; waħda għal "Hondoq by Night" u oħra għal din l-attivita organizzata minn Louis Vincent Buttigieg/Euphoria Productions. Fakkar li l-Kunsill qabel li jgħin bl-istess mod liż-żewġ organizzazjonijiet.

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li ma jħossux komdu jiffirma l-iskeda minħabba li għad hemm mistoqsijiet fuq dan il-pagament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ser ikun qed iżomm dan il-ħlas "*on hold*", jiġifieri ma jitħallasx, sakemm jagħmel iżjed verifiki u jirrapporta lura lill-Kunsill.

*Kunsill Lokali – Qala – Local Council*
*Ċentru Ċiviku*
*Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala*
*Tel: 21552555 Fax: 21553232*
*Email: qala.lc@gov.mt*

A parti l-ħlas lil Louis Vincent Buttigieg hawn fuq imsemmi, il-Kunsill qabel li l-bqija tal-pagamenti jistgħu isiru.

**30.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2021 fil-5:00pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv